



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2010/2010(INI)

26.6.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-iżvilupp tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' ekonomija sostenibbli
għda
(2010/2010(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ilda Figueiredo

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2007 dwar l-akkwist pubbliku pre-kummerċjali (COM(2007)799),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/31/UE¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar il-prestazzjoni enerġetika tal-bini (tfassil mill-ġdid),
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 u tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-informazzjoni xjentifika fl-era diġitali: l-aċċess, it-tixrid u l-preżervazzjoni,

A. billi l-kriżi ekonomika u finanzjarja laqtet serjament il-baġits pubbliċi nazzjonali,

B. billi è-ċifri fil-Green Paper dwar it-Tibdiliet Demografiki (COM (2005) 94) juru li l-popolazzjoni ta' eta' li jaħdmu fl-UE se tonqos b'20.8 miljun (6.8%) bejn l-2005 u l-2030, u billi l-għadd ta' persuni li għandhom iktar minn 60 sena issa qiegħed jiżdid b'rata doppja minn dik ta' qabel l-2007 – b'madwar żewġ miljuni kull sena meta jitqabbel ma' miljun fis-snin ta' qabel,

1. Jemmen li ekonomija sostenibbli ġdida għall-UE trid tiżgura żvilupp ekonomiku u soċjali bbilanċjat; jitlob li jkun hemm politika industrijali sostenibbli ambizzjuża, b'enfasi fuq l-effiċjenza tar-riżorsi; jisħaq li l-ekonomija l-ħadra jeħtieġ toffri prospettivi għal impjiegi deċenti, li jkunu mħallsa tajjeb, b'attenzjoni fuq il-ħarsien tal-ambjent;
2. Iqis li huwa implortanti ħafna li jiġu implimentati politiki ambizzjużi, kredibbli, prevedibbli u stabbli – b'mod partikolari rigward l-enerġija u l-klima; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jimmobilizzaw r-riżorsi għall-għanijiet li jitrattaw it-tibdil fil-klima u jiġġeneraw l-impjiegi u t-ktabbir sostenibbli, filwaqt li jgħixu skont il-prinċipji ta' ġestjoni baġitarja tajba; jenfasizza għalhekk li huwa importanti li l-oġġettiv Ewropew ta' tnaqqis ta' 20% fil-konsum tal-enerġija sa l-2020 isir vinkolanti, u jtenni l-appoġġ tiegħu għall-impenn tal-Kunsill għal tnaqqis ta' bejn 80% u 95% fl-emissjonijiet Ewropej ta' gassijiet b'effett ta' serra sal-2050;
3. Iqis li, madankollu, kien injorat il-fatt li l-Istati Membri tal-UE jħabbtu wiċċhom ma' għadd ta' sfidi komuni fejn l-inizjattivi komuni Ewropej biss jagħmlu sens;
4. Jenfasizza li l-ħtieġa li jiġi żviluppat il-potenzjal għal impjiegi ta' kwalità li toffri ekonomija sostenibbli ġdida tfisser li l-innovazzjoni trid tkun iffokata fuq is-sejbien ta' soluzzjonijiet għall-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja s-soċjetà, inklużi l-qgħad u l-faqar, it-tibdil fil-klima, il-popolazzjoni li qed tixjieħ u l-iskarsezza tar-riżorsi; jiġbed l-attenzjoni għar-rilevanza ta' politiki industrijali u ta' riċerka bbażati fuq innovazzjoni miftuħa u r-raggruppamenti, għall-promozzjoni tal-ġabra ta' taġġim minn operaturi ekonomiċi

¹ ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13.

pubbliċi u privati differenti u għall-istimolu tal-innovazzjoni;

5. Jisħaq dwar l-importanza li tinħoloq strateġija koerenti tal-UE li tiġbor fiha l-innovazzjoni ekoloġika u tkun iffokata kemm fuq tnaqqis fit-tniġġis kif ukoll fuq l-użu effiċjenti tar-riżorsi fil-proċessi tal-produzzjoni; għal dan il-għan, jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa Pjattaforma Teknoloġika Ewropea għall-industriji li ma jużawx ħafna riżorsi;
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu mixjin 'il quddiem bir-riforma tal-istrumenti finanzjarji biex jagħmluhom aktar ħodor u aktar orjentati fuq medda ta' żmien twila sabiex jiġbdu l-investment privat u jinħolqu aktar impjiegi u impjiegi aqwa b'viżjoni għall-ġejjieni;
7. Jenfasizza li l-użu għaqli ta' mekkaniżmi u strumenti ta' finanzjament kif ukoll gwida dwar il-politika pubblika jistgħu jgħinu jimmobilizzaw fondi addizzjonali sostanzjali mis-settur privat għall-appoġġ tal-investimenti u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda;
8. Jemmen li huwa vitali li jiġu żgurati oqsfa Komunitarji għar-riċerka u l-iżvilupp b'baġit xieraq u suffiċjenti sabiex jappoġġaw ir-riċerka pubblika u privata, u li r-riżultati tar-riċerka għandha tkun disponibbli f'forma aċċessibbli u nonburokratika għall-innovazzjoni mill-mikronegozji u l-SMEs, speċjalment fl-oqsma ta' l-effiċjenza enerġetika, l-infrastruttura enerġetika, l-użu ta' sorsi ta' enerġija ġodda u li tiġġedded u proċessi ta' produzzjoni b'livell baxx ta' karbonju, ir-riċiklaġġ u l-użu effiċjenti tar-riżorsi u fil-kuntest tal-ħolqien ta' impjiegi diċenti, imħallsa tajjeb u bi drittijiet; itenni l-ħtieġa li tintlaħaq il-mira ta' 3% għall-investment fir-riċerka u l-iżvilupp, filwaqt li jkun żgurat li r-riċerka ikollha valur miżjud fl-ekonomija Ewropea, li jista' jkollu impatt pożittiv biex ħaddiema b'kapaċitajiet għolja jibqgħu fl-UE;
9. Jenfasizza li l-SMEs u l-mikronegozji għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fl-iżvilupp tal-ekonomija sostenibbli; jiddispjaċih li jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' problemi biex jantiċipaw xejriet ekonomiċi ġodda; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jgħinu lill dawn il-kumpaniji jidentifikaw oqsma ta' żvilupp potenzjali assoċjati mal-ekonomija sostenibbli, partikolarment fl-oqsma tal-enerġiji li jiġġeddu u l-iffrankar tal-enerġija, jipprovdu aċċess aktar faċli għall-mikrokreditu, pereżempju permezz tal-"Istrument Ewropew ta' Mikrofinanzjament għall-Progress", u li tingħatalhom informazzjoni adegwata dwar kif wieħed japplika għal din il-faċilità;
10. Josserva li t-tkabbir ekonomiku meħtieġ u ż-żidiet fl-impjiegi li jirriżultaw minnu f'ekonomija bbażata fuq l-innovazzjoni ma jistgħux jintlaħqu jekk ir-riċerkaturi u n-negozji Ewropej ma jkunux jistgħu jaqilbu r-riżultati tar-riċerka tagħhom fi prodotti kummerċjali; jirreferi għat-Tabella tal-Innovazzjoni tal-Kummissjoni li turi differenza fl-innovazzjoni ta' 30% meta mqabbla mal-Istati Uniti u ta' 40% meta mqabbla mal-Ġappun;
11. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem aktar mill-qrib mal-Istati Membri biex isiru previżjonijiet għal żmien medju u fit-tul dwar il-ħiliet meħtieġa mis-suq tax-xogħol u biex jinkoraġġixxu s-šhubijiet bejn l-universitajiet u s-settur tan-negozju biex titjeb it-tranżizzjoni taż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol filwaqt li jgħinu fil-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq it-tagħlim, l-iżvilupp tar-riċerka applikata u l-ħolqien ta' prospetti ta' xogħol aħjar għall-gradwati;

12. Jagħraf il-fatt li l-iskemi ta' finanzjament tal-UE, u dawk nazzjonali u reġjonali għadhom mhumiex ikkoordinati, u għalhekk jišhaq fuq il-ħtieġa ta' koordinament aħjar f'diversi livelli bejn il-programmi u l-appoġġ għal aktar sinerġija bejn il-politiki komuni differenti bl-użu tal-fondi strutturali, agrikoli u tal-iżvilupp rurali, il-programm qafas għar-riċerka u l-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) li għandu jiffassal għal ekonomija sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi; jemmnen, rigward il-finanzjament taħt il-Politika Agrikola Komuni, li għandu jingħata aktar qies lil bidla akbar minn mekkaniżmi ta' appoġġ dirett għall-iżvilupp rurali u l-iżvilupp ta' agrikoltura ambjentalment sostenibbli;
13. Jindika li t-tranżizzjoni għal ekonomija ġdida sostenibbli hija fenomenu kumpless, li jitlob li tingħata attenzjoni partikulari lil dawk affettwati mid-deindustrijalizzazzjoni billi jiġu introdotti mekkaniżmi xierqa ta' appoġġ finanzjarju u interventi integrati, iffokati fuq l-iżvilupp sostenibbli u ekonomija msejsa aktar fuq l-innovazzjoni, li tkun kapaċi toħloq impjiegi deċenti, imħallsa tajjeb u bi drittijiet u li tnaqqas l-inugwaljanzi soċjali u l-assimetriji reġjonali; jagħti importanza lill-imsieħba soċjali fl-ilhug ta' dawn l-għanijiet;
14. Hu tal-fehma li l-isfidi demografiċi jeħtieġu strateġija aktar wiesgħa li tgħaqqad il-ħolqien tal-impjiegi mal-ħtieġijiet ġodda u emerġenti tas-suq tax-xogħol Ewropew; iqis li f'dan ir-rigward, għandu jsir aktar progress biex titjeb il-mobilità tal-ħaddiema tal-UE, fosthom ir-riċerkaturi u professjonisti oħrajn, bil-ħsieb li naslu għal Ewropa mingħajr ostakli fis-suq intern tal-UE;
15. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri jirrevedu d-dispożizzjonijiet tranżitorji li jirregolaw l-aċċess għas-swieq tax-xogħol tagħhom bħala mezz biex jinżammu l-impjiegi fl-UE matul il-kriżi ekonomika globali;
16. Josserva li l-effiċjenza tal-enerġija u tar-riżorsi għandha tagħti vantaġġ kompetittiv deċiżiv fil-ġejjieni; jišhaq li l-għażla ta' effiċjenza fl-enerġija mhux biss tagħti spinta lid-diversifikazzjoni industrijali u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra iżda tista' wkoll tipprovi benefiċċji soċjali u toħloq impjiegi bi drittijiet fuq skala kbira li jgħinu lill-Istati Membri jegħlbu l-kriżi ekonomika attwali u jiksbu tkabbir ekonomiku sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw kemm l-intensità tal-forza tax-xogħol ta' kull settur meta jfasslu l-istrateġiji tagħhom dwar l-enerġija;
17. Iqis li t-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli ġdida u l-bidliet fil-proċessi ta' produzzjoni tal-kumpaniji jew tas-setturi għandhom ikunu akkumpanjati minn taħriġ adegwat, b'mod speċjali taħriġ vokazzjonali għaż-żgħażagħ, u programmi ta' taġlim matul il-ħajja kollha, b'mod aptrikolari għall-grupp aktar vulnerabbli tal-persuni li jkollhom 'il fuq minn 50 sena, u li dan ukoll għandu jiġġenera impjiegi ġodda; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-għadd ta' taħriġ u programmi tali pprovduti; jenfasizza l-importanza li jitjeb id-djalogu, fejn ikunu meħtieġa bidliet soċjali, għall-adattament għall-ekonomija ġdida sostenibbli, b'mod partikolari f'kumpaniji b'attivitajiet imsejsa fuq il-fjuwils fossili; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali jiżguraw li dan id-djalogu jsir biex it-trasformazzjoni ekoloġika tkun ġusta;
18. Jitlob kooperazzjoni fost l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-impjieg mhux iddikjarat, billi l-ekonomija moħbija hija kwistjoni ta' tħassib fl-Ewropa kollha; iqis li l-miżuri kontra x-

xogħol mhux iddikjarat għandhom jiġu intensifikati fil-livell tal-Istati Membri u f'dak tal-UE;

19. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tfassal Linji Gwida dwar l-Impjiegi li jappoġġaw b'mod attiv iż-żieda fl-impjiegi ta' ħaddiema li jkollhom inqas minn 25 sena jew aktar minn 50 sena u tagħti attenzjoni xierqa għall-isfidi speċifiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom iż-żgħażaġh u l-anzjani;
20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu ħsieb id-differenza fil-ħiliet li diġà teżisti bejn il-forza tax-xogħol disponibbli u l-ħtiġijiet ta' industriji sostenibbli ġodda; f'dan is-sens jenfasizza l-importanza tas-sussidji tal-apprentistati għaż-żgħażaġh bħala xorta ta' trnżizzjoni mill-edukazzjoni għall-ħajja professjonali; barra minn hekk, jistieden lill-Istati Membri jipprovdu inċentivi lill-impjegaturi li joffru, lil persuni bi ftit kwalifiki jew bla kwalifiki, taħriġ u opportunitajiet biex jiksbu esperjenza Prattika direttament fil-post tax-xogħol; finalment, jenfasizza li l-litteriżmu u l-kompetenza diġitali għaċ-ċittadini kollha tal-UE għanhom jiġu appoġġati bis-sħiħ fil-politiki tal-UE u dawk nazzjonali bħala ħiliet essenzjali li jsaħħu l-integrazzjoni soċjali u jtejbu l-vantaġġ kompetittiv tal-forza tax-xogħol Ewropea;
21. Jisħaq fuq l-importanza li s-settur pubbliku jagħti l-eżempju, billi jadotta standards progressivi fl-akkwist pubbliku u jipprovdi inċentivi u informazzjoni, speċjalment fl-oqsma tal-enerġija, il-bini tal-infrastruttura u l-faċilitajiet, tat-trasport u l-komunikazzjonijiet, għall-ħolqien ta' impjiegi bi drittijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipromwovu, b'mod partikolari fl-akkwist pubbliku prekkummerċjali, l-inklużjoni ta' standards ambjentali u soċjali, barra l-promozzjoni ta' klawnsoli b'kontenut lokali u impriżi li joperaw f'ekonomija sostenibbli u inklużiva, b'mod speċjali l-SMEs;
22. Jinsisti wkoll dwar l-importanza tal-investment privat, filwaqt li jenfasizza li l-ħtiġijiet ta' finanzjament jistgħu biss jintlaħqu permezz tal-investment privat; jindika d-differenzi kbar fil-perċentwali ta' riżorsi investiti fir-Riċerka u l-Iżvilupp minn kumpaniji privati, li jvarjaw minn 5-7% tal-profitti fl-industrija tal-ICT u tal-farmaċewtika, meta jitqabblu ma' madwar 1% fil-kumpaniji tal-enerġija; jistieden lill-UE toħloq il-kundizzjonijiet ġusti għal qafas li jipprovdi inċentivi biex in-negozji jinvestu;
23. Jistieden għal darba oħra lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jipprofitaw ruħhom mis-suċċess tal-Fond għar-Rikostruzzjoni u jistabbilixxu inizjattiva Komunitarja ġdida, li tkun tinkludi proġetti pilota, għar-rikostruzzjoni lejn ekonomija sostenibbli ġdida;
24. Jinnota li jeħtieġ isiru aktar sforzi biex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni effikaċi min-naħa tal-UE tar-rekwiżiti minimi għall-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol rigward is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema;
25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw strument speċifiku ta' appoġġ għal dawk li jkunu ħadmu fis-settur pubbliku u li jkunu tilfu xogħolhom minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja, simili għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, fil-każ ta' intrapriżi tal-UE milquta mill-globalizzazzjoni jew mill-kriżi ekonomika.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	24.6.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 49 -: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Reinhard Bütikofer, Maria Da Graça Carvalho, Jorgo Chatzimarkakis, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Ioan Enciu, Adam Gierek, Norbert Glante, Fiona Hall, Edit Herczog, Lena Kolarska-Bobińska, Béla Kovács, Philippe Lamberts, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Paul Rübig, Amalia Sartori, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Patrizia Toia, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Niki Tzavela, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Alejo Vidal-Quadras, Henri Weber
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ilda Figueiredo, Andrzej Grzyb, Jolanta Emilia Hibner, Yannick Jadot, Werner Langen, Marian-Jean Marinescu, Vladko Todorov Panayotov, Markus Pieper, Mario Pirillo, Vladimír Remek, Frédérique Ries, Hermann Winkler
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Izaskun Bilbao Barandica, Jan Zahradil